NQF Inclusive - Evalwazzjoni tal-Proġett Pilota Bakery Chance B, AT

Riżultat ta' intervisti mal-assessuri u l-għalliema

Minn auxilium, Graz

Novembru 2010

Dan il-proġett huwa iffinanzjat bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropeja. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti l-opinjonijiet tal-awtur biss u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalinkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

Evalwazzjoni – Riżultat ta’ intervisti mal-assessuri u l-għalliema

- **Il-proċedura tal-assessjar** kienet deskritta bħala pożittiva kemm mill-assessuri kif ukoll mill-għalliema għaliex iż-żewġ taqsimiet (l-assessjar teoretiku u dak prattiku) saru f’ambjent familjari għall-prateċipanti. Aspett ieħor pożittiv huwa l-fatt li l-assessuri u l-parteċipanti kienu jafu lil xulxin minn numbru ta’ ġimgħat qabel sar l-assessjar.

- **Differenzi importanti meta mqabbla mal-appredndistad (LAP) bl-eżami finali (fl-Awstrija probabbilment jiġu annessi mar-raba’ livell tal-NQF)** huma li l-parteċipanti ma jiġux mistoqsija tagħrif teoretiku waqt li jkunu qed jagħmlu x-xogħol prattiku u għalhekk ikunu jistgħu jikkonċentraw kompletament dwar ix-xogħol prattiku. (Mistoqsijiet teoretiċi dwar aspetti tekniċi jiġu mistoqsija wara.) It-tul ta’ ħin għall-assessjar ivarja; f’dan il-pilota t-taqsima prattika hija limitata għal sagħtejn u nofs (LAP: erba’ sigħat), l-eżami teoretiku jieħu massimu ta’ ħmistax-il minuta (LAP għoxrin minuta).

- **Il-formula ta’ osservazzjoni** kienet ta’ għajnuna iżda wisq twila u kumplessa. Ħafna mill-kompetenzi soċjali kien diffiċli li jiġu evalwati waqt l-assessjar minħabba li l-ħin kien limitat u għalhekk ma jirriflettix sitwazzjonijiet speċifiċi (bħal ngħidu aħna diżgwid fi gruppi) kif ukoll il-fatt li ma kinitx xi ħaġa ta’ kuljum iżda sitwazzjoni speċjali.

- Bħala **suġġerimenti għal titjib** issemma’ l-fatt li mhux possibbli li tivvalida l-aspett tat-togħma għaliex il-parteċipanti użaw riċetti tal-istess forn. Għalhekk il-kwalità tar-riċetti biss setgħat tiġi validata (rimarka: anke waqt eżamijiet ta’ LAP jistgħu jintużaw riċetti magħrufa u mhux jinħolqu mill-parteċipanti nfushom).

- **Iċ-ċertifikat** ikun validu jekk ikun ċar u strutturat b’mod tajjeb u li jinftiehem malajr u b’mod faċli. Iżda tinħtieġ attenzjoni biex fiċ-ċertifikat jintuża kliem pożittiv biss.
  Il-kelma NQF mhix magħrufa min-nies fil-kumpaniji/dawk li jimpjegaw. Għalhekk jeħtieġ li tiġi spjegata fil-qosor fuq l-istess ċertifikati.

- **Il-ħin iddedikat għat-tagħlim u t-taħriġ** ġie kkunsidrat qasir meta wieħed jikkunsidra l-kontenut teoretiku. L-aspetti prattiċi tal-assessjar huma ħwejjeġ ta’ kuljum u għalhekk l-istudenti kienu mħarrġa sew fihom.

Konklużjonijiet:

- Fuq kollox l-assessuri u l-għalliema vvalutaw il-proċedura ta' assessjar bħala waħda pożittiva ħafna.

- Il-ħin iddedikat għat-taħriġ prattiku kien biżżejjed, imma minħabba x-xogħol ta' kuljum il-ħin iddedikat għat-tagħlim teoretiku naqas ħafna.

- Meta mqabbel mal-eżami finali tal-apprendistad (LAP) hemm pressjoni qawwija fuq il-ħin waqt LAP u l-appredistati huma aktar kkumplessi fejn jidħol tagħrif teoretiku fuq ħwejjeġ ta' ikel, il-karatteristiċi tagħhom u minn xiex inhuma magħmula.

- L-assessuri m'għoġbuhomx dawk il-ħafna mistoqsijiet ippreparati minn qabel, jippreferu jsaqsu huma b'mod spontanju u bix-xeħta tagħhom.

- Il-mistoqsijiet tal-parteċipanti wara l-assessjar prattiku u t-taħditiet li kellhom mal-għalliema tagħhom kienu vvalidati b'importanza sostanzjali.

- Il-valutazzjoni ta' kompetenzi soċjali waqt il-proċess tal-assessjar irriżulta li kienet diffiċli ħafna.